**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Lulju, 2024**

Numru 1

**Rikors Nru. 76/2017**

**Paul Borg u b'digriet tat-13 ta' Gunju 2024 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Borg stante l-mewt ta' Paul Borg u Maria Borg**

**vs**

**Joe Pace bhala President u Mark Tanti bhala Segretarju ghan-nom u fl-interess ta' Zebbug Rangers**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul minn Zebbug Rangers wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-15 ta' Settembru 2023 cahdet l-appell tal-istess ritrattand u ikkonfermat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera;

Rat ir-risposta tar-ritrattati li sostnew li r-ritrattazzjoni kellha tigi michuda;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**

Din hi sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni maghmula Zebbug Rangers taht l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 sabiex jinstema mill-gdid l-appell li gie maqtugh minn din il-Qorti b'sentenza moghtija fil-15 ta' Settembru 2023, fejn cahdet l-appell tar-ritrattand.

L-appell li wassal ghal din it-talba sar in segwitu ghal decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-6 ta' Ottubru 2022 fejn l-istess Bord iddecieda illi ma giex pruvat li l-klabb Zebbug Rangers kien moruz fil-hlas tal-kera u li saru tibdiliet strutturali bla kunsens tas-sid jew li saret hsara izda sabet illi l-klabb Zebbug Rangers biddel id-destinazzjoni jew l-uzu tal-fond li ghalih kien mikri cioe minn klabb ghal membri u ghal players ghal wiehed ta' bar u akkomodazzjoni ta' players barranin.

**Artikolu 811(l) zball ta' fatt**

L-appellant ritrattandi issostni illi s-sentenza hi milquta minn zball ta' fatt ghax bazata fuq is-suppozizzjoni li l-mertu tal-kawza u l-appell huwa biss fir-rigward tal-interpretazzoni hazina tal-kuntratt u ma tikkunsidrax l-Avviz Legai 253/2012.

Bhala punt ta' tluq dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok ghar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

L-izball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza, li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant (ara **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri**, Appell Superjuri tas-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar hafif, irid jintwera li l-izball ikun wiehed materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni (ara **Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella**, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2005).

Kif tajjeb poggietha din il-Qorti fis-sentenza taghha **Mare Blu Tuna Farm Limited vs Dr. Louis Cassar Pullicino nomine** deciza fl-4 ta' Ottubru, 2010 irid, "ikun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li

ghandha biss tifsira wahda u unika, cioè li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih, u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost zbaljat.*"*

Ir-ritrattand isostni li hemm zball ta' fatt ghaliex l-aggravju tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell kien li l-accettazzjoni tal-kera kienet tfiser qbil dwar l-istat tal-klabb u l-uzu li kien qed isir minnu. Isostni testwalment:

Illi jidher car li s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni li, fl-ewwel lok, jezisti zball ta' fatt naxxenti mill-kunsiderazzjoni maghmluha fil-kuntest ta' dan l-aggravju u cioe li huwa fatt innegabbli u stabbilit li r-rittrattati ircevew u accettaw il-kera ghal fond 4, Misrah San Filep, Haz-Zebbug matul il-perjodu kollu li l-klabb kien qed juza ukoll il-facilitajiet gewwa l-ground tal-football tal-Infetti Zebbug. U kwindi s-sentenza tal-Qorti kienet mibnija fuq is-suppozizzjoni li ma jezistiex il-fatt, li l-verita tieghu hija stabbilita pozittivament. Illi di piu l-fatt ma giex deciz mill-Qorti tant li l-Qorti ibbazat is-sentenza taghha fuq dawn il-fatturi u cioe nikkwota … omissis;

L-izball tal-Qorti kien ghax ikkonkludiet hekk:

“Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod kif il-Bord wasal ghall-konkluzjoni tieghu. Ghandu jirrizulta wkoll li l-appellati fethu dawn il-proceduri mhux biss ghaliex kien hemm dizgwid bejn il-partijiet dwar il-modalita tar-revizjoni tal-kera, izda wkoll ghaliex kien car ghas-sidien tal-fond, li l-fond ma kienx ghadu mehtieg aktar ghat-tmexxija ta' klabb tal-futbol, ghaliex l-attivita ewlenija tat-tmexxija tal-klabb qieghda ssir minn post iehor. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellanti mhuwiex misthoqq, u tichdu."

Issostni ghalhekk li kwindi huwa car li l-fatt li r-rittrattati baqghu jaccettaw il-kera thalla barra mill-kunsiderazzjonijiet tal- Qorti.

Din il-Qorti tqis li dan ir-rikors mhux gustifikat. Hawnhekk ma hemm ebda zball ta' fatt. Il-fatt li fuqu giet deciza l-kawza fil-Bord kien wiehed, cioe li l-inkwilin ma baqax juza l-fond ghal fini principali ta' klabb tal-futbol, bi u minghajr kunsens ghall-alterazzjonijiet strutturali. L-appell tal-klabb kien mibni fuq il-premessa illi kien hemm provi bizzejjed li juru li l-fond baqa' jintuza bhala klabb tal-futbol. Ma gie eskluz ebda fatt ippruvat jew inghata kont ghal fatt zbaljat u li ma jezistix li waslu ghas-sentenza li minnha qed issir ir-ritrattazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fil-fatt ikkunsidrat li r-ritrattand, appellant quddiemha, sostna li l-

accettazzjoni tal-kera kienet tfisser accettazzjoni ghall-izviluppi fil-fond tant li jghid li l-kawza infethet mis-sidien ghax kien car ghalihom li l-inkwilin ma kienx ghad ghandu bzonn il-fond ghat-tmexxija ta' klabb tal-futbol. Dan wara kollox hu apprezzament ta' fatti accertati u stabbiliti li jfisser biss li l-Qorti waslet ghal konkluzjoni illi l-accettazzjoni tal-kera ma tfissirx wahedha qbil fuq tibdil fl-uzu tal-fond nonostante tibdil strutturali li dwaru sad-data tal-kawza ma sar ebda lment.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba taz-Zebbug Rangers ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza appellata fl-ismiijiet premessi tal-15 ta' Settembru 2023, bl-ispejjez kontra taghhom.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur